# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 1834

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2234/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Sarah Jane Gialanze`**

**vs**

**Estetika Co. Ltd**

**dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi inġusta.**

Illum 11 ta' Dicembru 2007

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti Sarah Jane Gialanze` pprezentata fir-Registru tal-Qorti fil-11 ta' Novembru 2004, u ffirmata mill-avukat Ian Spiteri Bailey.

DIKJARAZZJONIJIET

Fir Rikors promotorju r-rikorrenti tiddikjara li hija dahlet tahdem mas-socjeta intimata fil-5 t'April 2003 b'kuntratt indefinit u tkecciet b'effett mill-21 ta' Awwissu 2004 ghal raguni ta' dixxiplina, liema raguni hija kkontestat, u ghalhekk hasset li tali tkeccija kienet wahda illecita, irregolari u ingusta u abbusiva fil-ligi. Ghalhekk hija talbet lil dan it-Tribunal jakkorda dak il-kumpens li ghandu jigi likwidat favur taghha. Ma' l-istess rikors ir-rikorrenti annettiet Dikjarazzjon tal-Kaz, li imbaghad halfitu fl-ewwel seduta. Hawnhekk ir-rikorrenti tidhol f'dettal u tispjega li s-superjur immedjat taghha, Audrey Grima, kienet tezercita pressjoni fuqha mil-bidu nett ta' l-impieg; tilmenta li ma inghatatx training biz-zejjed; tallega li xi haddiema ohra ma baqghux jahdmu mas-socjeta` intimata minhabba l-istess Audrey Grima; tilmenta li fuq

il-post tax-xoghol kien hemm dizorganizzazzjoni fl-appuntamenti; tosserva li minkejja t-tgergir ta' Audrey Grima l-klienti kienu ghadhom ifittxuha lil Sara Jane Gialanze; tilmenta li giet mghajra "ghazziena" u akkuzata li ghamlet xoghol privat bil-mohbi tal-kumpanija; tilmenta li Audrey Grima spiss kienet tuzalha l-kamra taghha u thallihielha mharbta; tilmenta li tawha avviz ta' terminazzjoni ta' l-impieg minghajr ma tawha raguni, izda tghid ukoll li dan gara wara li klienta ghaddiet rimarka fuqha; tallega li sa l-ahhar gurnata effettiva ta' xoghol, tat-13 t'Awwissu 2004 Audrey Grima kienet ghadha tezercita "bullying" maghha; u tghid li kemm damet fl-impieg ma' l-Estetika Limited hija qatt ma inghatat warning, la bil-kitba u l-anqas bil-fomm.

Fl-istqarrija tal-kaz taghha tad-9 ta' Frar 2005, is-socjeta` intimata rrispondiet li t-tkeccija tar-rikorrenti kienet bazata fuq raguni tajba u sufficjenti kif jigi muri waqt is-smiegh. Imbaghad ghaddiet biex tispjega li r-rikorrenti uriet nuqqas ta' hila, u diligenza fil-qadi ta' dmirijietha. Jinghad li giet imwissija u ggwidata f'dan ir-rigward izda l-affarijiet ma rrangawx. Jinghad li l-intimati rcevew diversi ilmenti minn klienti minn klienti dwar l-appellanti, izda f'dak l-istadju ta' proceduri s-socjeta` intimata ma xtaqitx tesponi isem dawn il-klienti. Is-socjeta` intimata talbet li fl-ewwel lok tkun ir-rikorrenti li tibda tressaq il-provi taghha, u fit-tieni lok talbet li jigu sfilzati l-ittri legali li pprecedew il-kaz stante li dawn kienu bla pregudizzju.

<u>PRELIMINARI</u>

Fl-ewwel seduta, dan it-Tribunal diversament presjedut, appella liz-zewg partijiet sabiex jesploraw il-possibilita` ta' ftehim bonarju izda f'dak l-istadju ma rrizulta ebda ftehim tant li l-kaz thalla ghall-provi tas-socjeta` intimata, b'dan li dan it-Tribunal ma laqghax it-talba ta' l-istess intimata biex ma jkunx hemm inverzjoni tal-provi. Anqas ma jirrizulta li dan it-Tribunal diversament presjedut ha xi decizjoni fuq it-talba ta' l-istess intimata biex jigu sfilzati l-ittri legali. Dan it-Tribunal qieghed jipprovdi fuq din it-Talba billi fil-waqt li jigi

rikonoxxut li tali ittri inkitbu bla pregudizzju ghad-drittijiet tal-partijiet, mill-banda l-ohra mhumiex provi inammissibbli, u ghalhekk it-talba ghall-isfilz mhix tintlaqa'. Jibqa' li din il-vertenza tigi ezaminata fuq il-mertu.

IL-PROVI

Meta wiehed jifli x-xhieda prodotti miz-zewgt nahat isib li l-verzjoni tal-partijiet tvarja xi ftit, izda l-ikbar diskrepanza tinsab fil-perspettiva ta' kif iz-zewg nahat ivvalutaw u interpretaw l-imgieba ta' xulxin.

L-ewwel xhud prodott mill-intimata kienet proprju Audrey Grima, senior beauty therapist u sussegwentement manager mal-kumpanija intimata. Irrizulta aktar tard li din kienet jew saret shareholder, u sussegwentement hija tghid fil-kontroezami taghha li bdiet tattendi ghall-Board Meetings. Hija tghid li kienet involuta fl-ingaġġar tar-rikorrenti ma' l-Estetika Limited, u li r-rikorrenti hadet tahrig fl-ewwel granet ta' l-impieg u anke aktar tard, inkluz li baghtuha l-Ingilterra ghal tahrig dwar trattamenti tad-dwiefer. Tghid li sad-data ta' l-incident li fuqu tkecciet Sarah Jane Gialanze`, hija qatt ma kellha problemi mar-rikorrenti. Hija taqbel li l-klienti dejjem baqghu iriduha lir-rikorrenti, u tikkonferma li gieli uzat il-cubicle ta' Sarah Jane, izda tispjega li dan m'ghamlitux biex taghmillha hsara izda ghax hekk kien ikun hemm bzonn biex in-nies jinqdew malajr. Hija tichad li agixxiet ta' "*bully*" mar-rikorrenti u tispjega li kienet tikkoregiha minn zmien ghal zmien u twissiha li jekk ma tatix kaz tat-twissijiet tmur tghid lill-managing director Doctor David Grech. Dwar l-incident tat-tkeccija tirrakkonta kif ir-rikorrenti ghadditilha nota miktuba minn xi hadd iehor biex iccempel lill-klienta Cecily Grech; ir-rikorrenti qaltilha li kienet diga' cemplitilha hi u l-klienta fehmet li l-fatt li din trabbitilha *fungal infection* taht id-dwiefer ma kienx tort taghha; hija cemplet lill-klienta li lmentatilha kif cemplitilha r-rikorrrenti u lmentatilha dwar dak li gralha fid-dwiefer. Audrey Grima tikkonferma li l-fatt li r-rikorrenti ma qaltilha xejn dwar din il-problema kienet "*the cherry on the cake*". In kontroezami tghid li

hija semghet l-ispjega tar-rikorrenti ghall-incident li wassal ghat-tkeccija, u tikkonsidra din l-ispjega bhala wahda "inkorretta hafna", izda ma tispjegax ghalxiex il-verzjoni tar-rikorrenti kienet qed tikkonsidraha inkorretta. Tikkonferma li d-decizjoni tat-tkeccija ttiehdet wara li kienet hi biss li semghet il-verzjoni tar-rikorrenti.

Il-general manager Dr David Grech jghid li Audrey Grima kellmitu fuq ilment wiehed biss dwar ir-rikorrenti, u cioe` dan ta' Cecily Grech, izda huwa jghid li rcieva diversi ilmenti ohra. Jghid li saru 2 appraisals dwar ir-rikorrenti distakkati b'6 xhur bejniethom u pprometta li jesebihom. Jispjega li b'mod generali r-rikorrenti kienet tonqos lejn il-kumpanija ghax ma kinitx tutilizza l-hin liberu taghha kif talbuha huma, igifieri tizbarazza u thajjar klienti ohra jixtru l-prodotti; izda r-raguni tat-tkeccija kienet li meta inqalghetilha problema r-rikorrenti ma talbitx l-ghajnuna tal-persuni medici fi hdan l-istess kumpanija, b'dan li l-klienta kellha ragun tilmenta minn nuqqasijiet tar-rikorrenti. Jghid li kien wara li ttiehdet id-decizjoni tat-tkeccija li huwa kkonfronta lir-rikorrenti; izda din ma weritux li accettat l-izball. Jghid li r-raguni tat-tkeccija tahielha verbalment u allura ma kienx hemm ghalfejn tinkiteb fil-korrispondenzi.

Ir-rikorrenti tqajjem diversi lmenti kontra s-socjeta` intimata, li frankament ftit li xejn huma konnessi mat-terminazzjoni ta' l-impieg. Tghid li mill-bidu nett kienet tigi mwissija minn Audrey Grech li tirrappurtaha lil Dr Grech, u dan tikkonsidrah bhala intimidazzjoni u "bullying". Madankollu jirrizulta mill-provi li ghal madwar sena r-rikorrenti kienet kuntenta hafna fuq ix-xoghol, u allura dan it-Tribunal ghandu ghax jifhem li din l-allegazzjoni hija xi ftit imgebbda. Anzi, mehuda flimkien ma' l-ilment li Audrey kienet tghidilha "kemm inti tard, kemm int bil-mod" wiehed jifhem x'kien l-"inkwiet" ta' Audrey Grima. Tghid li imbaghad waqfet tahdem therapist part-timer u x-xoghol waqa' fuq l-ohrajn, u dan kien aggravat bil-fatt li anke l-istess Audrey ma baqghetx therapist biss izda saret manager ukoll. Hija tilmenta minn overlapping ta' appuntamenti li kienu jirrizultaw fi pressjoni ta' xoghol kif ukoll skuntentizza fost il-klienti. Tilmenta li ma kellhiex break, u meta l-

gurnata tkun mimlija appuntamenti ma kien ikollha mistrieh ta' xejn: meta talbet li jkollha break ghajruha "ghazziena". Tghid li Dr Grech wissiha biex ma tikkuntraljax li Audrey. Dwar l-incident mertu tat-tkeccija hija tghid li Cecily Grech giet turiha l-problema xi gimghat wara li tfaccatilha l-infezzjoni, u bhala l-ewwel mizura hija nehhitilha n-*nail-extensions*. L-ghada cemplitilha u qaltilha li ma sar ebda progress, u ghalhekk ir-rikorrenti marret tghid lis-superjura taghha Audrey Grima. Din kellmet lill-klienta u kkonsidrat dan l-incident bhala "*the cherry on the cake*" u gie terminat l-impieg tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti tghaddi biex tghid li l-*appraisals* taghha kienu favorevoli hafna; tghid li t-targets tal-bejgh kienet tilhaqhom u tbiegh aktar mill-kollega taghha u tilmenta li ma gietx infurmata ghalxiex tkecciet.

Xhieda ohrajn ftit huma relevanti: Anna Aquilina, b'esperjenza vasta ta' amministrazzjoni, tikkonferma li Dr David Grech kien dejjem jaghti d-dritta lil Audrey Grima – ghandha jew m'ghandhiex ragun; Dr Moira Mizzi tikkonferma li din Audrey Grima ma kinitx kapaci torganizza l-amministrazzjoni tal-klinika; Vanessa Gonzi tikkonferma li kien hemm dizorganizzazzjoni fit-tmexxija; Rachel Attard tikkonferma li r-rikorrenti kienet taghmel xogholha sew u baqghet tmur ghandha anke wara li din spiccat mix-xoghol ma' Estetika Limited.

KONSIDERAZZJONJIET

It-Tribunal huwa tal-fehema li r-rikorrenti hija persuna ddedikata f'xoghola u tkun trid tiehu l-hin taghha biex tlesti x-xoghol li kien jigi ghandha. Minn naha taghha l-kumpanija riedet li jkollha persuna tajba f'xogholha izda li thaffef hafna sabiex jinqdew hafna klienti fl-iqsar zmien possibbli. Jidher li fil-bidu l-kumpanija kienet kuntenta bir-rikorrenti, u l-fatt li l-kumpanija ma esebietx l-*appraisals* li ppromettiet li tesebixxi qed jigi interpretat minn dan it-Tribunal bhala non-oppozizzjoni ghall-allegazzjoni tar-rikorrenti li dawn kienu favorevoli ghaliha. Iktar minn hekk, wara li ghadda t-terminu tal-*probation* il-

kumpanija baghtet lill-istess rikorrenti ghal kors specjali barra minn Malta. Madankollu maz-zmien il-kumpanija kienet qed tippretendi li r-rikorrenti tghaggel dejjem aktar f'xogholha, bil-konsegwenza li l-partijiet bdew jaraw lil xulxin koroh u bdew jinholqu l-kunflitti. It-Tribunal jinnota li ghalkemm l-imsemmija Audrey Grima qablet li l-incident ta' Cecily Grech kien "*the cherry on the cake*"[1], b'mod kontradittorju hija tixhed ukoll li "*jiena personali ma kellix problemi ma' Sarah Jane on a daily basis. Nista' nghidlek li lanqas kelli argumenti ma' Sarah Jane sakemm hi giet dismissed.*"[2] Minn naha ta' Dr David Grech dan jghid li beda jircievi xi lmenti ta' natura teknika u minhabba f'hekk baghtu lil Sarah Jane l-Ingilterra[3]. Dan iwassal lit-Tribunal biex jifhem li jekk verament kien hemm xi lmenti fil-konfront tar-rikorrenti, dan kienet tahti ghalih l-istess socjeta` intimata ghaliex kienet ghadha ma pprovdietx it-training necessarju. Apparti minn hekk, kif inghad l-*appraisals* baqghu ma gewx prodotti u l-allegazzjoni li kien hemm ilmenti ohra fil-konfront tar-rikorrenti baqghet qatt ma giet issostanzjata. L-anqas l-akkuza li r-rikorrenti ma kinitx tuza l-hin liberu tajjeb (ghas-*sales*) ma giet sostanzjata; anzi mhux kontradett li s-*sales* tar-rikorrenti kien ahjar minn tal-kollega taghha.

Dan it-Tribunal huwa tal-fehema li l-problema vera kienet li s-socjeta` intimata ippretendiet lir-rikorrenti thaffef biex tlahhaq ma' izjed xoghol, b'dan li bdiet tinholoq sitwazzjoni kaotika, li fl-ahhar mill-ahhar kienet ta' hsara ghall-*image* ta' l-istess kumpanija. Jidher car li biex jigu ffrankati l-ispejjez, il-kumpanija kienet *under-staffed*, ta' l-inqas fid-dipartiment tat-terapisti. Mhux kontradett, l-anqas b'xi kontroezami, li Vanessa Gonzi kienet tahdem bla waqfien b'detriment ghal sahhitha: il-kumpanija ma jidhirx li tant inkwetat dwar dan. Dan it-Tribunal jifhem li l-ewwel ghan ta' kull kumpanija hu li jigi massimizzat il-profitt, izda dan ghandu jkun kontrobilancjat bl-interess ta' l-mpjegati li ghandhom dritt jigu stmati ta' bnedmin u mhux ta' magni.

Jibqa' finalment l-incident li wassal ghat-tkeccija. Il-verzjoni tar-rikorrenti hi li hija tkellmet mas-superjuri taghha immedjatament wara li rat li l-problema tal-

---

[1] Vide pagna 25 tax-xhieda taghha tat-30 ta' Marzu 2005.
[2] Vide pagna 12 tax-xhieda, ibid.
[3] Vide pagni 3 u 4 tax-xhieda tieghu tal-14 ta' Lulju 2005.

klienta ma kienx ghadha ta' jdejha. Il-verzjoni tal-kumpanija hi li l-problema kienet qed tinheba mir-rikorrenti, u s-superjuri saru jafu minn ghand il-klienta. Huwa difficli tasal ghal konkluzjoni dwar liema hi l-verzjoni korretta, izda li hu zgur hu li anke kieku l-verzjoni tal-kumpanija kienet dik korretta, xorta jibqa' li s-sanzjoni tat-tkeccija kienet iebsa wisq. Jidher li anke l-kumpanija rrealizzat dan tant li fir-risposta taghha taghti l-impressjoni li kellha hafna iktar x'tilmenta, imma imbaghad ma gie ssustanzjat xejn affattu. Se mai ir-rikorrenti kien jimmeritaha *warning* severa, izda mhux tkeccija. Jigi osservat li mhux biss ma kien hemm ebda *warning* precedentement, talli l-kumpanija ghaddiet ghat-tkeccija fuq il-verzjoni ta' Audrey Grima minghajr ma qabel semghet il-verzjoni ta' l-impjegata. Tkeccija hekk bruska mhix accettabbli.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara t-tkeccija ta' Sarah Jane Gialanze bhala wahda ingusta. Fic-cirkostanzi ma jidhirx li hemm lok ghal *reinstatement*, u ghalhekk ghandu jkun hemm kumpens. Dan it-Tribunal qies li r-rikorrenti otteniet certa *exposure* minn dan l-impieg, oltre *training* u anke *course* l-Ingilterra minn ghand l-intimata, u ghalhekk il-kumpens ghandu jigi stabbilit fl-ammont ta' disa' mija u hamsin lira Maltija (Lm950.00,0), ekwivalenti ghal elfejn mitejn u tnax-il Ewro u disghin centezmu (€2,212.90), li ghandhom jithallsu sa zmien xahar mill-lum. Ghal dak li jirrigwarda drittijiet ai termini ta' l-artikolu 79 tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' erbghin Lira Maltija (Lm40.00), ekwivalenti ghal tlieta u disghin Ewro u sbatax-il centezmu (€93.17), ghad-difensur ta' kull parti.

Dr Leslie Cuschieri

Chairman